

Brussell, 8 ta' Mejju 2023
(OR. en)

8491/23

LIMITE

AGRILEG 68
CONSOM 132
DENLEG 20
FOOD 28
MI 310
RECH 136
SAN 199

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar żewġ rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel

1. F'konformità mal-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002¹, kull Stat Membru jenħtieġ li jinnomina membru wieħed u membru supplenti wieħed bħala r-rappreżentanti tiegħu fil-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). Il-membri u l-membri supplenti nominati minn kull Stat Membru jinħatru mill-Kunsill.
2. Il-Kunsill, permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022², ħatar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2026.

¹ Regolament (KE) 178/2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri f' kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

² Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' April 2022 li taħtar rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (ĠU C 159, 12.4.2022, p. 6).

3. Permezz ta' ittra datata t-13 ta' Frar 2023, l-EFSA ġiet infurmata li s-Sa Annelise FENGER, il-membru għad-Danimarka, irtirat.
4. Permezz ta' ittra datata t-23 ta' Marzu 2023, l-EFSA ġiet infurmata li s-Sa Hanna DUFVA, il-membru supplenti għall-Iżvezja, irtirat.
5. Għalhekk jenħtieġ li jinħatru żewġ rappreżentanti ġodda biex iservu għall-bqija tal-mandat tal-predeċessuri rispettivi tagħhom.
6. Il-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni jenħtieġ li jiġu nominati u maħtura abbażi tal-esperjenza u l-għarfien espert rilevanti tagħhom fil-qasam tal-liġi u l-politika dwar il-katina alimentari, inkluż il-valutazzjoni tar-riskji, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm l-għarfien espert rilevanti fl-oqsma ta' kwistjonijiet maniġerjali, amministrattivi, finanzjarji u legali fi ħdan il-Bord ta' Ġestjoni³.
7. Fit-13 ta' April 2023, id-Danimarka u l-Iżvezja infurmaw lill-Presidenza u lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bl-ismijiet tar-rappreżentanti tagħhom bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA.
8. Il-Presidenza u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ivvalutaw l-evidenza ta' sostenn ippreżentata mid-delegazzjonijiet u kkonkludew li l-esperjenza u l-għarfien espert tal-persuni nominati jissodisfaw ir-rekwiżiti deskritti hawn fuq.
9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1) huwa għaldaqstant mistieden:
 - japprova r-rappreżentanti elenkati fl-Anness għal din in-nota;
 - jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss tiegħu, id-Deċiżjoni li taħtar żewġ rappreżentanti tal-Istati Membri bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel kif tinsab, wara l-finalizzazzjoni tat-test mill-ġuristi lingwisti, fid-dokument 8498/23;
 - jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Artikolu 25(1b) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

**ĦATRA TA' ŻEWĠ RAPPREŻENTANTI TAL-ISTATI MEMBRI BĦALA MEMBRI U
MEMBRI SUPPLENTI TAL-BORD TA' ĠESTJONI TAL-AWTORITÀ EWROPEA DWAR
IS-SIGURTÀ FL-IKEL**

Ħatra bħala membru tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA sat-30 ta' Ġunju 2026:

- is-Sur Tejs BINDERUP (Danimarka).

Ħatra bħala membru supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA sat-30 ta' Ġunju 2026:

- is-Sa Kristina GRANELLI (Żvezja).
-